MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru. 338/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**

**VS**

**MARKO JEREMIC**

Kumpilazzjoni Nru.: 338/2015

Illum, 26 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marko Jeremic, detentur tal-Passaport tas-Serbia bin-numru SRB011813968.

**Akkuzat talli:**

Nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta` Marzu, 2015, ghal habta tat-tlieta u kwart ta` filghaxija (15:15hrs), gewwa l-hanut maghruf bhala **Hilfiger Denim** li jinsab gewwa l-Ponta ta` Tigne`, Sliema, bil-hsieb li jaghmel delitt ta` serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 41 (a), 261 (b) u 265 ta` Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-ammissjoni odjerna tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati, tiddeciedi billi tiddikjara li l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati ma thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Ghaldaqstant dina l-Qorti tillibera lill-istess imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta flimkien ma` ordni ta` *probation* fuq l-imputat kemm biex din is-sorveljanza sservi ta` mezz ta` kontroll fuqu kif ukoll biex isservi ta` ghajnuna u radizzar fl-imgieba tieghu ai terminu tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------